**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Nru: 14/2013**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jurgen Vella)**

**vs**

**Sandro Mifsud**
**(ID 199673(M))**

**Illum: 29 ta' Mejju 2019**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Sandro Mifsud** ta' 39 sena, iben Michael u Maria nee` Azzopardi, imwieled il-Pieta`, nhar it-13 ta' April 1973, preżentement residenti ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 199673(M);

Akkużat talli nhar is-17 ta' Ġunju 2009, għall-ħabta tat-tmienja u nofs ta' filgħaxija (20:30hrs) fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin, u f'dawn il-gżejjer:

1) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga herojina, speċfikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-

disposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija ġiet fornuta lilu għal użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

2) Akkużat ukoll talli fl-istess data, ħin u ċirkostanzi bħala persuna li mhux impjegata fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin, mingħajr l-awtorita` leġittima, daħħal jew ppruva jdaħħal f'xi parti tal-konfini ta' ħabs xi oġġett, ikun li jkun, li huwa pprojbit skond xi regolamenti magħmula skond dan l-Att, jew ġarr jew ipprova jġorr xi oġġett bħal dak barra mill-ħabs u dan bi ksur tal-Arikolu 7(1) tal-Kap 260 tal-Liġijiet ta' Malta;

3) U aktar talli b'hekk sar reċidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula jew imħassra u dan ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex f'każ ta' ħtija:

i) tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 33A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

ii) tordna li jitħallsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti eżebiti, inkluż l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, kif ukoll il-kunsens tal-Avukat Ġenerali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kap. 9, sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja;

Rat ukoll illi waqt l-eżami tiegħu skont il-ligi, l-imputat wieġeb illi mhuwiex ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, kif ukoll illi ma kellu l-ebda oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-difiża rispettivament.

**Ikkunsidrat:**

Il-każ odjern jirrigwarda sejba ta' droga eroina ġewwa ċella fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin u dan waqt spezzjoni ta' rutina li saret mill-gwardjani tal-ħabs nhar is-17 ta' Ġunju 2009.

**L-Ex Spettur Alexander Grech** xehed illi fis-17 ta' Ġunju 2009, għall-ħabta tad-9:15pm, kien ġie nfurmat mis-Surġent Brian Caruana illi kienet instabet id-droga ġewwa l-ħabs u għalhekk b'dan ġie infurmat il-Maġistrat tal-Għassa li għamel inkjesta. Jgħid illi huwa kien ottjena stqarrija mingħand l-imputat odjern[1] u jagħmel referenza għan-nota li huwa kien ippreżenta quddiem il-Maġistrat Inkwirenti b'rabta ma' dan il-każ[2]. Minn hawn jirriżulta illi waqt spezzjoni ġewwa l-ħabs, għall-ħabta tat-8:30 p.m., fiċ-ċella numru 1, f'diviżjoni 13, okkupata mill-imputat, instab qartas żgħir ta' lewn isfar li fih kien hemm trab suspettuż u biċċiet tal-*foil* maħruqa.[3]

**PS 1594 Brian Caruana** xehed illi fis-17 ta' Ġunju 2009 għall-ħabta tad-9:15pm, waqt illi kien xogħol ġewwa l-Għassa ta' Raħal Ġdid, il-Maġġur ASCO Abela mill-ħabs, infurmah illi għall-ħabta tat-8:30 p.m., CO 58 Damien Magro u CO 110 Damien Agius (fil-fatt skont ir-rapport esebit mill-istess xhud, dan tal-aħħar kien CO 110 John Callus[4]) wettqu spezzjoni ġewwa ċ-ċella numru 1, fid-diviżjoni 13, li kienet okkupata minn Sandro Mifsud u hemmhekk sabu pakkett isfar tal-karti li kien fih sustanza kannella suspettata droga u biċċiet tal-*foil* maħruqin. Skont ix-xhud, fl-istess ħinijiet saret spezzjoni wkoll fiċ-cella numru 22, fl-istess diviżjoni, liema ċella kienet okkupata minn Alexander Whiteford, minn ASCO James Abela, CO 133 Ray Theuma u CO 85 Godwin Agius. Hemmhekk instabu diversi biċċiet ta' *foil*, biċċiet minnhom użati u oħrajn li ma kinux użati, u anke sustanza suspettuża.[5]

Xehed ukoll **CO 58 Damien Magro** li jgħid illi fil-jum in kwistjoni, għall-ħabta tat-8:30 p.m., hu u CO 110 għamlu spezzjoni ta' rutina fiċ-ċella 1, f'diviżjoni 13 u wara li għamlu *strip search* fuq l-imputat, bdew it-tfittxija fiċ-ċella. Jgħid illi fuq il-bank fejn kien qiegħed l-imputat, x'ħin sabuh bil-*foil* f'idu, kien hemm karta safra miftuħa li kien fiha trab kannella suspettat droga. Din ġiet magħluqa minn CO 110, issiġilawha ġewwa borża u għaddew kollox lill-Maġġur James Abela.[6] In kontro-eżami, ix-xhud jgħid illi dak iż-żmien iċ-ċella kienet okkupata

[1] Ara din l-istqarrija esebita a fol. 18 u 19 tal-proċess, datata 12 ta' Lulju 2009.
[2] Ara din in-nota a fol. 9 tal-*proces verbal* li jinsab esebit a fol. 27 tal-proċess.
[3] Ara din ix-xhieda a fol. 28 sa 30 tal-proċess.
[4] Ara r-rapport esebit a fol. 43 sa 45 tal-proċess.
[5] Ara din ix-xhieda a fol. 36 sa 38 tal-proċess.
[6] A fol. 39 u 40 tal-proċess.

mill-imputat odjern, li kien waħdu fiċ-ċella, għalkemm ix-xhud ma kienx jaf kemm kien ilu jokkupa din iċ-ċella l-imputat. Jispjega illi l-ispezzjoni saret fit-8:30 p.m. u għalhekk ftit wara li d-detenuti jingħalqu fiċ-ċella u li hekk kif hu u CO 110 daħlu, huma sabu lill-imputat odjern b'biċċa *foil* f'idu. Jgħid illi wara *strip search* fuq l-imputat, fuq il-bank ta' ħdejn il-gwardarobba, CO 110 sab karta miftuħa safra vojta u karta oħra miftuħa safra b'trab kannella fiha. In ri-eżami, ix-xhud jgħid ukoll illi l-*foil* li kienet f'id l-imputat kienet maħruqa, ossia kellha fuqha sinjali ta' ħruq.[7] Ix-xhud xehed ukoll fil-mori tal-inkjesta dwar dan il-każ fit-18 ta' Ġunju 2009.[8]

Fix-xhieda tiegħu, **CO 110 John Callus** jgħid illi fil-jum u l-ħin in kwistjoni, għamlu spezzjoni ġewwa ċ-ċella 1, f'diviżjoni 13 u x'ħin fetħuha, sabu lill-imputat odjern, li kellu *foil* f'idu, u fuq il-bank, kien hemm karta safra li kien fiha trab kannella suspettuż. Jgħid illi din ġiet elevata minnu, qegħda f'borża u għaddiha lill-Maġġur James Abela.[9] In kontro-eżami, ix-xhud jikkonferma illi l-imputat instab fiċ-ċella tiegħu b'biċċa *foil* f'idu. *Strip search* fuq l-imputat irriżultat fin-negattiv, iżda waqt tfittxija fiċ-ċella nstabu żewġ pakketti, wieħed vojt u l-ieħor bit-trab fuqu. Ikkonferma wkoll illi l-imputat kien jokkupa ċ-ċella waħdu. Ikkonferma wkoll illi l-oġġetti kollha misjuba ġew mgħoddija lill-Maġġur Abela fil-presenza tal-imputat odjern.[10] Ix-xhud xehed ukoll fil-mori tal-inkjesta dwar dan il-każ.[11]

Xehed ukoll il-**Maġġur James Abela** li spjega li dakinhar tas-17 ta' Ġunju 2009 saret spezzjoni ta' rutina fid-diviżjoni 13. Jgħid illi kienu hu, CO 110 u CO 58 u illi fiċ-ċella tal-imputat instab pakkett suspettuż. Ma ftakarx fejn instab dan il-pakkett. Iżid jgħid illi fiċ-ċella kien hemm priġunier ieħor fil-ħin tas-*search*, għalkemm ċ-ċella kienet tappartjeni lill-imputat odjern, biss fuq dan il-priġunier ma nstab xejn. Jgħid ukoll illi ma jiftakarx min kien dan il-priġunier l-ieħor. In kontro-eżami, huwa xehed illi ma kienx jaf kemm kien ilu jokkupa din iċ-ċella l-imputat odjern, għaliex kienu jsiru diversi *transfers* u jgħid illi jista' jkun li anke l-imputat kien ġie trasferit minn ċella għal oħra. Jiftakar illi kienu saru tfittxijiet oħrajn fl-istess diviżjoni dakinhar, għalkemm ma ftakarx instabitx droga għaliex hu kien assenjat ma' dik iċ-ċella biss.[12]

Meta reġa' xehed in kontro-eżami, il-Maġġur Abela jgħid illi ma kienx hu li għamel it-tfittxija f'din iċ-ċella, għalkemm kien hu li ordnaha. Jgħid illi dak il-ħin tat-tfittxija lanqas ma kien preżenti u li dakinhar saru diversi tfittxijiet fl-istess diviżjoni ġo ċelel differenti. Spjega illi jista' jkun li kien hemm priġunier ieħor

---

[7] Ara a fol. 75 sa 79 tal-proċess.
[8] Ara a fol. 30 u 31 tal-proċess verbal.
[9] Ara din ix-xhieda a fol. 41 u 42 tal-proċess.
[10] Ara din ix-xhieda in kontro-eżami, a fol. 80 sa 84 tal-proċess.
[11] Ara a fol. 28 u 29 tal-proċess verbal.
[12] Ara din ix-xhieda a fol. 67 sa 71 tal-proċess.

fiċ-ċella in kwistjoni, għaliex f'dik id-diviżjoni il-bibien taċ-ċelel jibqgħu miftuħin. Ma ftakarx jekk dak il-ħin l-imputat kienx preżenti fiċ-ċella, iżda ċ-ċella kienet tappartjeni lilu. Fuq insistenza tal-avukat difensur illi kien instab priġunier ieħor fiċ-ċella, ix-xhud jgħid illi ma jiftakarx għax ma kienx preżenti. Jgħid illi dakinhar waqt li għamlu ħafna tfittxijiet f'diversi ċelel, raw nies oħra ħerġin minn diversi ċelel, u għalhekk ma eskludiex illi fiċ-ċella tal-imputat kien hemm persuni oħrajn.[13]

Il-Maġġur James Abela xehed ukoll fil-mori tal-inkjesta, l-għada ta' din is-sejba, fejn qal illi dakinhar saret spezzjoni ta' rutina f'diviżjoni 13 minnu u minn diversi uffiċjali oħra tal-ħabs, fosthom CO 110 u CO 58. Jgħid ukoll illi f'ċella numru 1, li dak iż-żmien kien hemm fiha l-priġunier Sandro Mifsud, instab pakkett zgħir tal-karti ta' lewn isfar bi trab kannella suspettat eroina, liema pakkett instab minn CO 110 John Callus u CO 58 Damian Magro. Huwa ġie infurmat b'dan minn CO 110 u huwa informa b'dan lill-Għassa ta' Raħal Ġdid. Mill-imsemmija għassa marru fuq il-post PS 1594 Brian Caruana u PC 1554 Noel Decesare u l-pakkett in kwistjoni ġie mgħoddi lilhom.[14]

Mir-relazzjoni esebita mill-espert l-**Ispiżjar Mario Mifsud**, nominat bħala esperti forensiku fil-mori tal-inkjesta dwar dan il-każ, jirriżulta illi huwa ngħata *envelope* kannella li fuqu kien hemm il-kliem "*Sandro Mifsud, cell 1, Div 13, Time 8:45pm, CO110 John Callus, 0410163 "M", CO58 Damian Magro, 540779"M"*". Fl-istess *envelope* kien hemm tlett biċċiet *foil* b'tiċpis iswed u kannella fuqhom u qartas tal-karti ta' lewn isfar li ġo fih kien hemm trab ta' lewn kannella.

L-espert ikkonkluda hekk dwar dan id-dokument:

a) Illi nstabu traċċi tas-sustanza Herojina fuq il-biċċiet tal-*foil*;

b) Illi t-trab ta' lewn kannella li kien hemm fil-qartas tal-karti ta' lewn isfar, f'ammont nett totali ta' 0.02 grammi, instabet fih is-sustanza Herojina. Is-sustanza Herojina hija kkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda Taqsima 1 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.[15]

Xehed ukoll **PS 186 Kristian Mintoff**, maħtur bħala *Scene of the Crime Officer* mill-Maġistrat Inkwirenti, li kkonferma r-relazzjoni tiegħu li tinsab esebita fil-

[13] A fol. 98 sa 100 tal-proċess.
[14] Ara a fol. 25 sa 27 tal-proċess verbal.
[15] Din ir-relazzjoni tinsab esebita a fol. 42 *et seq* tal-proċess verbal.

proċess verbal u li tikkontjeni erba' ritratti li juru l-*envelope* indikat mill-Ispiżjar Mario Mifsud fir-relazzjoni tiegħu, tliet biċċiet *foil* u qartas ta' lewn isfar.[16]

L-Uffiċjal tal-**Probation Matthew Fleri Soler** xehed illi ilu jsegwi lill-imputat minn Frar 2014 u dan wara li kien tpoġġa taħt Ordni ta' *Probation*. Jgħid illi fi Frar 2014, l-imputat kien qiegħed jiskonta sentenza ta' priġunerija u ħareġ mill-ħabs f'April 2014. Bejn April u Lulju 2014, l-imputat żamm kuntatt regolari mal-Uffiċjal tal-*Probation*, iżda sussegwentement f'Ottubru 2014, ix-xhud ġie nfurmat illi l-imputat kien jinsab taħt arrest ġewwa l-Isptar Monte Carmeli u li kien reġa' beda jabbuża mid-droga. F'Novembru 2014, l-imputat instab ħati ta' ksur tal-Ordni ta' *Probation* u ġie kkundannat xahrejn priġunerija. Reġa' ġie stabbilit kuntatt mal-imputat f'April u Mejju 2015 u minn dak iż-żmien, l-imputat baqa' l-ħabs. Żied jgħid illi bejn Lulju 2015 u Awissu 2017 ittieħdu 15-il kampjun tal-urina lill-imputat, liema kampjuni kollha rriżultaw fin-negattiv.[17]

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-ewwel lok, jirriżulta illi l-imputat irrilaxxja stqarrija lill-Pulizija Eżekuttiva nhar it-12 ta' Lulju 2009 u dan wara li ngħata s-solita twissija skont il-liġi. Jirriżulta wkoll mill-atti tal-proċess verbal esebit f'dawn il-proċeduri, illi l-istess imputat xehed dwar dan il-każ fit-18 ta' Ġunju 2009, quddiem l-espert tekniku Vincent Ciliberti, u dan ukoll wara li ġie mwissi li seta' jibqa' sieket.[18] Fiż-żmien in kwistjoni l-liġi Maltija ma kinitx tipprovdi lill-persuna arrestata jew suspettata d-dritt li tottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tagħha u wisq inqas id-dritt li tkun assistita minn avukat waqt l-istess interrogatorju. L-ewwel dritt daħal fis-seħħ fl-10 ta' Frar 2010 permezz tal-Avviż Legali 35/2010, fil-waqt illi t-tieni dritt imsemmi daħal fis-seħħ fit-28 ta' Novembru 2016, permezz tal-Avviż Legali 401 tal-2016.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, id-difiża tissottolinea l-fatt illi fiż-żmien in kwistjoni, l-imputat ma ngħatax id-dritt li jottjeni parir legali qabel irrilaxxja l-istqarrija tiegħu u lanqas ma ngħata dan id-dritt meta xehed quddiem l-espert tekniku u għaldaqstant, tkompli d-difiża, dawn għandhom jiġu kkunsidrati inammissibbli bħala prova.

Il-Qorti tirrileva illi l-posizzjoni legali llum hija waħda ċara. F'dan il-kuntest, tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tat-12 ta' Jannar 2016 fil-kaz **Mario Borg v. Malta**, kif ukoll għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **The Republic of Malta vs Chukwudi Onyeabor**

[16] Ara din ir-relazzjoni a fol. 52 tal-proċess verbal u x-xhieda tiegħu a fol. 34 u 35 tal-proċess u a fol. 61 u 62 tal-proċess.
[17] Ara din ix-xhieda a fol. 89 sa 92 tal-proċess.
[18] Ara din ix-xhieda a fol. 32 sa 35 tal-proċess.

tal-1 ta' Diċembru 2016, fejn hemmhekk il-Qorti għamlet referenza għal diversi sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali ossia **Carmel Saliba vs Avukat Ġenerali** tas-16 ta' Mejju 2016, **Stephen Nana Owusu vs Avukat Ġenerali** tat-30 ta' Mejju 2016, **Malcolm Said vs Avukat Ġenerali et** tal-24 ta' Ġunju 2016 u **Aaron Cassar vs Avukat Ġenerali et** tal-11 ta' Lulju 2016 u għaddiet sabiex tiddeċiedi illi "*the denial of the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systematic restriction applicable to all accused persons must today be held to be in violation of the conditions for the admissibility of an accused's statement*."

Il-Qorti tirreferi wkoll għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru 2018, fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et**, f'liema każ fl-istqarrijiet tiegħu, ir-rikorrenti minkejja li qabel irrilaxxja l-ewwel stqarrija, kien ingħata parir mingħand l-avukat tiegħu li f'dak l-istadju ma jgħid xejn lill-pulizija, huwa xorta waħda rrisponda għad-domandi waqt l-interrogatorju li sarlu, bir-riżultat li stqarr fatti li kienu inkriminanti għalih, in kwantu ammetta li kien jixtri d-droga kemm għall-użu personali tiegħu, kif ukoll sabiex ibiegħ minnha lil terzi. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar l-istqarrijiet rilaxxjati mill-istess rikorrenti mingħajr il-jedd ta' assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu:

"*36. Mill-premess jirrizulta manifest li l-istqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent ser ikollhom kif fil-fatt gja` kellhom quddiem il-Qorti Kriminali impatt fil-proceduri kriminali, mhux in kwantu ghall-ammissjonijiet, izda in kwantu l-kontenut taghhom kien ittiehed in konsiderazzjoni fil-quantum tal-piena imposta fuqu mill-Qorti Kriminali, u issa huwa car li anke l-Qorti tal-Appell Kriminali ser tiehu konsiderazzjoni tal-kontenut tal-istqarrijiet f'dan ir-rigward. Ghalhekk, ghalkemm il-proceduri kriminali ghadhom pendenti u ghalhekk ma jistax f'dan l-istadju jigi determinat jekk kienx hemm lezjoni ta' smigh xieraq f'dawk ilproceduri, jekk l-istqarrijiet jithallew fil-process tal-proceduri kriminali, dawn wisq probabbilment ser isir uzu minnhom mill-Qorti tal-Appell Kriminali bi pregudizzju jew vantagg ghall-akkuzat fil-kwantifikazzjoni tal-piena, kemm dik karcerarja kif ukoll ghal dak li tirrigwarda l-multa li tista' tigi imposta.*

*37. Fid-dawl tal-premess it-tehid tal-istqarrijiet zgur li ser ikollhom impatt fuq l-ezitu tal-process kriminali u, ladarba dan isir, x'aktarx ser isir ksur tad-dritt tal-rikorrent ghal smigh xieraq tenut kont tal-fatt li dawn gew rilaxxjati mir-rikorrent fl-assenza ta' avukat li jassistih. Ghalhekk huwa xieraq li, filwaqt li f'dan l-istadju ma jistax jinghad jekk kienx hemm lezjoni ta' dan id-dritt fundamentali tar-rikorrent peress li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti, dawn ma jithallewx jibqghu fl-inkartament tal-process kriminali.*" [sottolinear tal-Qorti]

Allura minkejja illi r-rikorrenti f'dak il-każ, kien ingħata l-jedd li jikkonsulta ma' avukat qabel l-ewwel interrogatorju tiegħu u anke eżerċita dan il-jedd, il-Qorti

ordnat illi l-istqarrijiet tiegħu ma jitħallewx fl-inkartament la darba kien ser ikollhom impatt fuq l-eżitu tal-proċess kriminali u dan stante illi ma ngħatax il-jedd għall-assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu. Din kienet ukoll il-konklużjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminal fis-sentenza tagħha tal-20 ta' Novembru 2018, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Claire Farrugia**, f'liema każ dik il-Qorti skartat bħala inammissibbli l-istqarrijiet tal-imputata, waħda minnhom ġuramentata, u dan għaliex għalkemm hija ngħatat id-dritt li tottjeni parir legali qabel l-istqarrijiet tagħha, madankollu hija ma ngħatatx id-dritt li tkun assistita minn avukat waqt l-interrogatorji li sarulha u dan stante li dan id-dritt ma kienx għadu viġenti fiż-żmien in kwistjoni.[19]

Imbagħad, fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella** tal-14 ta' Diċembru 2018, f'liema każ l-appellat kien ingħata l-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogotarju tiegħu u anke eżerċitah, iżda ma ngħatax il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt dan l-interrogatorju, stante illi anke f'dak il-każ, fiż-żmien in kwistjoni, dan il-jedd ma kienx viġenti fil-liġi Maltija, il-Qorti Kostituzzjonali reġgħet irribadiet il-konklużjonijiet tagħha fis-sentenza preċedenti fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et**:

"*14. Għalkemm, bħall-ewwel qorti, taqbel mal-appellanti illi f'dan l-istadju għadu ma seħħ l-ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, madankollu, kif osservat fil-każ ta' Malcolm Said, il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu.*"

Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi la darba l-imputat ma ngħatax id-dritt li jottjeni parir legali qabel irrilaxxja l-istqarrija tiegħu u qabel xehed quddiem l-espert tekniku (bħal ma lanqas ma ngħata d-dritt li jkun assistit minn avukat waqt l-istess stqarrija u xhieda – dritt li daħal fis-seħħ ferm wara), liema stqarrija u xhieda ċertament kienu ta' preġudizzju għalih għaliex fihom għamel dikjarazzjonijiet inkriminanti, il-Qorti tqis tali stqarrija u xhieda bħala inammissibbli u qegħda konsegwentement tiskartahom. Għall-istess raġuni, qegħda tiskarta wkoll bħala inammissibbli kwalunkwe referenza mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni għal tali stqarrija.

[19] Ara wkoll f'dan is-sens is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emad Masoud** tas-16 ta' Mejju 2019.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi permezz tal-ewwel imputazzjoni, l-imputat jinsab akkużat bil-pussess 'sempliċi' tad-droga eroina u dan b'referenza għas-17 ta' Ġunju 2009 għall-ħabta tat-8:30 p.m. ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin.

Jirriżulta ċar mill-atti proċesswali, illi fil-jum u ħin in kwistjoni, fuq stuzzjonijiet tal-Maġġur James Abela, saru diversi spezzjonijiet fiċ-ċelel ġewwa diviżjoni 13, fosthom fiċ-ċella numru 1, dak iż-żmien okkupata mill-imputat odjern. Iż-żewġ uffiċjali tal-ħabs li wettqu t-tfittxija fiċ-ċella tal-imputat, CO 58 u CO 110, ma jagħmlu assolutament l-ebda referenza għall-presenza ta' detenuti oħrajn ġewwa l-istess ċella, hekk kif huma daħlu fiha sabiex iwettqu din it-tfittxija – u dan kemm matul ix-xhieda tagħhom matul dawn il-proċeduri, in eżami u in kontro-eżami, kif ukoll *a tempo vergine*, l-għada tas-sejba in kwistjoni, fix-xhieda tagħhom quddiem l-espert tekniku Vincent Ciliberti. Għalkemm f'punt minnhom il-Maġġur James Abela jgħid illi fiċ-ċella mal-imputat kien hemm preżenti detenut ieħor waqt din l-ispezzjoni, biss jirriżulta wkoll illi huwa lanqas kien preżenti għal din it-tfittxija, tant illi in kontro-eżami fuq insistenza tal-avukat difensur illi kien instab priġunier ieħor fiċ-ċella, ix-xhud jgħid illi ma jiftakarx għax ma kienx preżenti. In oltre għalkemm jgħid ukoll illi fil-ħin tal-ispezzjoni kien hemm diversi persuni ħerġin miċ-ċelel rispettivi, biss ma tressqet l-ebda prova li turi li kien hemm terzi persuni preżenti fiċ-ċella mal-imputat odjern. Anzi CO 58 Damian Magro jispjega illi l-ispezzjoni saret fit-8:30 p.m. u għalhekk ftit wara li d-detenuti jingħalqu fiċ-ċelel rispettivi tagħhom, li qajla allura jagħti lok għall-presenza ta' terzi persuni fiċ-ċella tal-imputat. Il-Qorti tqis illi x-xhieda ta' CO 58 u CO 110, li wara kollox, kienu huma li aċċedew fiċ-ċella in kwistjoni u wettqu t-tfittxija, hija ċara u konkordi u ma tħalli lok għal ebda dubju ossia illi meta huma daħlu fiċ-ċella numru 1, kien hemm biss l-imputat odjern. Mhux biss iżda jirriżulta wkoll minn din ix-xhieda illi hekk kif daħlu fiċ-ċella, l-imputat instab b'biċċa *foil* maħruqa f'idu u in oltre illi fuq il-bank fl-istess ċella, fejn kien qiegħed l-imputat x'ħin l-uffiċjali daħlu fiċ-ċella[20], instab qartas tal-karti, nofsu miftuħ[21], li kien fih trab suspettat droga. Jirriżulta mir-relazzjoni tal-espert l-Ispiżjar Mario Mifsud illi t-trab in kwistjoni kien jikkontjeni s-sustanza eroina, fil-waqt illi l-*foil* irriżulta wkoll pożittiv għall-eroina. M'hemmx dubju minn dawn ir-riżultanzi u mix-xhieda tal-uffiċjali tal-ħabs imsemmija, dwar x'kien qed jagħmel l-imputat fiċ-ċella tiegħu fil-ħin in kwistjoni, kif lanqas m'hemm dubju illi huwa kien fil-pussess tad-droga eroina.

Għaldaqstant, l-ewwel imputazzjoni tirriżulta ppruvata fil-grad rikjest mil-liġi.

[20] Ara a fol. 31 tal-proċess verbal.
[21] Ara a fol. 29 tal-proċess verbal.

Permezz tat-tieni imputazzjoni, l-imputat ġie akkużat ukoll illi fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, huwa daħħal jew ipprova jdaħħal oġġett projbit – f'dan il-każ id-droga eroina – ġewwa l-ħabs. Huwa evidenti illi għalkemm l-imputat instab fil-pussess tad-droga eroina fil-waqt illi kien fiċ-ċella tiegħu, ma jsegwix neċessarjament illi kien huwa li daħħal din id-droga fil-ħabs. Mill-atti ma tirriżulta l-ebda prova li dan kien il-każ, lanqas li kien kompliċi fid-dħul tagħha.

Għaldaqstant, din l-imputazzjoni ma tirriżultax ippruvata.

Permezz tat-tielet imputazzjoni, imbagħad, l-imputat qed jiġi akkużat illi huwa reċidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Fir-rigward tar-reċidiva ai termini tal-Artikolu 289, huwa evidenti li din ma tirriżultax, stante illi l-każ odjern ma jittrattax delitti msemmija fis-Sub-Titolu I tat-Titolu IX tal-Kodiċi Kriminali. Il-Prosekuzzjoni esebiet vera kopja ta' sentenza ta' din il-Qorti kif diversament preseduta, datata 7 ta' Diċembru 2004, fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Sandro Mifsud', mil-liema jirriżulta illi l-konnotati tal-imputat f'dik is-sentenza huma identiċi għal dawk tal-imputat odjern, inkluż in-numru tal-karta tal-identita`, meta wieħed iqabbel dak indikat fis-sentenza esebita mal-att tat-twelid tal-imputat esebit fl-atti ta' din il-kawża. Għaldaqstant, jirriżulta sodisfaċentement ippruvat illi din is-sentenza ngħatat proprju fil-konfront tal-imputat odjern.

Permezz ta' din is-sentenza, l-imputat ġie kkundannat għal piena ta' disa' xhur priġunerija effettiva u multa ta' tlett mitt lira Maltin (Lm300), liema multa kellha titħallas b'rati mensili ta' Lm20, bl-ewwel pagament iseħħ mhux aktar tard minn erba' ġimgħat mid-data ta' din is-sentenza. Mill-atti ma jirriżultax fil-grad rikjest mil-liġi, in kwantu l-piena ta' multa, jekk din kinitx ġiet skontata ossia mħallsa jew konvertita fi priġunerija, u allura l-imputat ma jistax jitqies reċidiv fit-termini tal-Artikolu 50, iżda biss skont l-Artikolu 49 tal-Kap. 9.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

Għal fini ta' piena, il-Qorti kkunsidrat il-fedina penali tal-imputat, liema fedina penali hija waħda ferm refrattarja u tikkonsisti f'ben tlieta u tletin faċċata u tinkludi kundanni dwar diversi reati, fosthom varji kundanni dwar serq, traffikar u pussess ta' droga.

Qieset ukoll l-ammont ta' droga misjuba fil-pussess tal-imputat. Għalkemm dan kien ammont ferm żgħir, biss qed tqis ukoll iċ-ċirkostanzi tal-każ u illi l-imputat instab fil-pussess ta' din id-droga proprju ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordina ossia post intiż għar-riforma u r-rijabilitazzjoni tal-persuni hemmhekk detenuti. F'dan ir-rigward, il-Qorti qegħda tapplika fil-konfront tal-imputat id-

disposizzjonijiet tal-Artikolu 33A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Qorti qegħda għalhekk iżżid il-piena bi grad.

Mill-banda l-oħra tqis ukoll ix-xhieda tal-Uffiċjal tal-*Probation* u li fiż-żmien ta' din ix-xhieda, jidher illi l-imputat kien qed jagħmel l-almu tiegħu sabiex iżomm il-bogħod mid-droga tant illi ħmistax-il kampjun tal-urina meħuda lilu bejn Lulju 2015 u Awwissu 2017, rriżultaw fin-negattiv għal sustanzi lleċiti.
Il-Qorti qegħda tqis ukoll it-trapass taż-żmien. Għalkemm kien hemm okkażżjonijiet li fihom l-imputat ma deherx minkejja li kien debitament notifikat, fil-maġġor parti d-dewmien f'dawn il-proċeduri ma kienx attribwibbli lilu. Biss biss iċ-ċitazzjoni odjerna ġiet intavolata fir-Reġistru ta' din il-Qorti tliet snin u nofs wara li seħħ il-każ.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikoli 31, 33A u 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat mhux ħati tat-tieni imputazzjoni miġuba kontra tiegħu u tal-addebitu tar-reċidiva ai termini tal-Artikoli 50 u 289 tal-Kap. 9 u qegħda tilliberah minnhom, iżda qed issibu ħati tal-ewwel imputazzjoni u tal-addebitu tar-reċidiva ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kap. 9, u tikkundannah għall-piena ta' sitt (6) xhur prigunerija effettiva.

Il-Qorti tordna lill-ħati jħallas l-ispejjez li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta, a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ossia l-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni redatta mill-espert tekniku Vincent Ciliberti fl-ammont ta' erba' mija, erbgħa u sittin ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€464.46), l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni redatta mill-Ispizjar Mario Mifsud, l-ammont ta' liema spejjez ma jirriżultax mill-atti, kif ukoll l-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni redatta minn PS 186 Kristian Mintoff, *Scene of the Crime Photographer*, ammontanti għas-somma ta' ħamsa u għoxrin Euro u wieħed u sittin ċentezmu (€25.61). Dawn l-ispejjeż għandhom jitħallsu mill-ħati fi żmien sena mil-lum, b'dan li jekk juwa jonqos li jħallas dan l-ammont jew parti minnu fiż-żmien lilu preskritt, il-bilanċ jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lir-Reġistratur, Qrati u Tribunali Kriminali sabiex jiġu stabbiliti l-ispejjeż relatati mar-relazzjoni tal-Ispiżjar Mario Mifsud.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga u l-oġġetti relatati mad-droga, esebiti fl-atti tal-proċess verbal bin-numru 786/09, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, u

dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat